**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.9820 — Danfoss/Eaton Hydraulics)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2020/C 280/10)

1. Fis-17 ta' Awwissu 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Danfoss A/S ("Danfoss", id-Danimarka),

— Eaton Corporation PLC ("Eaton", l-Irlanda).

Danfoss takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' partijiet minn Eaton ("Eaton Hydraulics")

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' stokk u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Danfoss: il-manifattura ta' komponenti u teknoloġiji ta' l-inġinerija għar-refriġerazzjoni, l-arja kondizzjonata, it-tisħin, il-kontroll tal-mutur u l-idrawliċi użati fil-makkinarju tal-off-road. Danfoss tipprovdi wkoll soluzzjonijiet għal soluzzjonijiet għall-enerġija rinnovabbli.

— Eaton Hydraulics: il-manifattura u l-bejgħ ta' komponenti u sistemi idrawliċi għal tagħmir industrijali u mobbli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9820 — Danfoss/Eaton Hydraulics

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").